MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2014

Appell Kriminali Numru. 328/2013

**Appell Nru. 328/2013**

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Raymond Brincat**

**Illum 23 ta' Jannar, 2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 586357 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar it-2 t'Ottubru, 2012 ghall-habta ta' 18.35 hrs waqt li kien gewwa l-fond 152 Abigail, Triq Santa Rita, Birzebbuga hebb ghal martu Doreen Brincat u kkaguna griehi ta' natura hafifa hekk kif iccertifikat minn Dr. Pierre Chircop MD ta' Birzebbuga.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-2 ta' Lulju, 2013, li biha, wara

li rat l-artikoli 221(1) u 383(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-appellant hati u ghaldaqstant rabtet lill appellant b'garanzija tieghu nnifsu ghal sena, favur Doreen Brincat, taht penali ta' elf Ewro (€1,000) ai terminu tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-8 ta' Lulju, 2013, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u dan billi tillibera lill-appellant minn kull piena u imputazzjoni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi ghandu jigi rilevat illi, anke ma' l-ewwel daqqa t'ghajn lejn ic-certifikat mediku esebit, ma tirrizulta ebda gerha hafifa kif imsemmi fl-akkuza.  L-unika haga li lmentat minnha u li giet certifikata dwarha l-kwerelanti kien illi kellha ugiegh.  Ugiegh bhala tali mhuwiex gerha hafifa, u fuq dan biss, l-akkuza ma tissusistix.

Illi aktar minn hekkm irrizulta quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti illi kien hemm kunflitt qawwi ta' provi.  Dan ghaliex filwaqt li l-kwerelanti allegat illi l-esponent dahal go fiha apposta, c-cirkostanzi juru illi dan ma kienx il-kaz.  Jekk il-kuridur tad-dar huwa wiesgha disa` piedi kif stqarret hi, l-esponenti kellha kull cans illi jekk rat lill-esponent gej ghal fuqha interzjonalment, kif allegat, tiggenneb jew tiehu direzzjoni ohra biex ma tintlaqatx.

Rat l-eccezzjni pleriminari mqajma mill-appellant fejn ecepixxa n-nullita tas-Sentenza peress illi fuq il-komparixxi fis-Sentenza illi kiteb il-Magistrat ma hemmx indikati l-Artikoli kollha tal-Ligi u ghalhekk gew miksura d-dispozizzjonijiet ta' l-Artiklu 382 tal-Kodici Kriminali.

Ikkunsidrat.

L-appellant ilmenta illi wara li nghata s-Sentenza u gie biex jipprepara l-appell huwa gie moghti fotokopja tal-komparixxi illi fuqha kien hemm is-Sentenza miktuba "di proprio pugnio" mill-Magistrat. Ma kellu xejn fuq xiex jimxi hlif din il-kopja u kellu jipprepara l-appell fil-ghama ghax sakemm qaghad jistenna l-vera kopja tad-Deputat kien jghaddi z-zmien bi pregudizzju ghat-terminu ta' l-appell. Ghalhekk argumenta illi s-Sentenza propja hija dik illi kiteb il-Magistrat fuq il-komparixxi u dina ghandha Artikoli neqsin mill-Ligi illi jikkontempla r-reat.

Ikkunsidrat.

Minn ezami akkurat ta' l-ewwel pagna tal-komparixxi ssib illi dan id-dokument fih ukoll l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artiklu 221 (1) tal-Kap 9 u l-Artiklu 338 (1) tal-Kap 9. Qabel il-kliem illi kiteb il-Magistrat hemm timbru illi jghid; *"Il-Qorti; rat l-imputazzjonijiet; rat id-dokumenti; semghet il-provi; rat l-Artikoli ndikati"* imbaghad kompla l-Magistrat, *"Artiklu 383 tal-Kap 9 ghal sena . . ."* anki kieku din il-Qorti kellha tiehu din is-Sentenza bhala dik ufficjali l-Ewwel Qorti qed taghmilha cara illi qieghda tirreferi "ghall-Artikoli ndikati" li huma dawk li jidhru fuq l-istess komparixxi. Quindi din il-Qorti jidhrilha illi d-dispozizzjoni ta' l-Artiklu 382 tal-Kodici Kriminali gew sodisfatti u ma hemm xejn formalment nieqes minn din is-Sentenza. Pero' din il-Qorti diga kellha okkazjoni sabiex tippronuncja ruhha fuq dan il-punt u terga taghmilha f'dan il-kaz u cioe` li s-Sentenza ufficjali mhijiex dik illi jikteb il-Magistrat, imma hija dik illi tohrog mid-Deputat Registratur. Fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija kontra Albert Bezzina deciza minn din il-Qorti fil-25 ta' Lulju, 1994 intqal; *"La la l-Artiklu 377 (1) u lanqas l-Artiklu 382 tal-Kodici kriminali ma jirrikjedu li s-Sentenza tinkiteb mill-Magistrat; dak li trid il-Ligi hu li dak li jghid il-Magistrat meta jaghti s-Sentenza jigi registrat u riprodott fil-kopja tas-Sentenza (ara wkoll Il-Pulizija vs Raymond Parnis appell kriminali 2 ta' Mejju, 2012)".*

Quindi, l-kopja li taghmel stat fil-konfront ta' l-akkuzat u terzi hija dik il-kopja illi johrog id-Deputat Registratur u

mhux dik illi jikteb il-Magistrat. Jekk parti jkollha xi lment dan l-ilment irid ikun ibbazat fuq il-kopja mahruga mid-Deputat Registratur u mhux fuq l-appunti illi jkun kiteb il-Magistrat. Jekk id-Deputat Registratur jiehu xi zmien aktar minn dak li huwa ragonevoli sabiex johrog din il-kopja, dina hija xi haga amministrattiva illi l-Amministrazzjoni tal-Qorti trid tindirizza u taghmilha cara li d-Deputati Registraturi ghandhom johorgu l-kopja ufficcjali tas-Sentenza tal-Magistrat fl-aqsar zmien possibli hekk kif tigi mitluba mill-parti halli ma jkunx hemm pregudizzju ghall-istess parti li tista tigi rinfaccata b’sitwazzjoni ta’ nuqqas ta’ zmien sabiex jigi ppreparat l-appell minhabba t-terminu li hu wiehed ta’ dekadenza ghal prezentata ta’ l-appell.

Ghalhekk din il-Qorti ssib ili l-appellant m’ghandux ragun f’din l-eccezzjoni preliminari, tichadha u tordna l-prosegument tal-kawza bis-smieh dwar il-mertu.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------